MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 269/2014

**Raymond Abdilla**

**Vs**

**Albert Agius**

Il-Qorti,

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' April 2014 l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tletin elf erba' mija u tlieta u disghajn ewro u tmenin centezmu (€30,493.80) prezz ta' patata mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut li baqghet ma thallsitx. L-attur talab ukoll lill-qorti sabiex tisma' l-kawza bid-dispensa tas-smiegh (Artikolu 167 tal-Kap. 12).

Il-konvenut kien notifikat izda baqa' kontumaci.

Fis-seduta tal-lum xehed l-attur li kkonferma li l-hlas hu dovut.

**Tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' tletin elf erba' mija u tlieta u disghajn ewro u tmenin centezmu (€30,493.80), l-imghax mill-25 ta' Settembru 2012 u bl-ispejjez kontra l-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------